MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 1590/2000/1

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Paul Vella abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Paul Vella.**

**vs**

**Victor Sammut**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Marzu, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attrici sejhu lill-konvenut quddiem

din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas is-somma ta' LM800.39,0 tmien mitt lira Maltin u disgha u tletin centezmu jew somma verjuri, li minnhom LM650.39,0 huma pagabbli lis-socjeta' attrici Middle Sea Insurance plc u filwaqt illi LM150 huwa pagabbli lill-attur l-iehor Paul Vella bhala excess, rappresentanti d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Lulju 1999 fl-Mgarr, meta Keith Vella iben l-attur Vella kien qieghed isuq il-vettura numru EBC 491 tajjar il-kelb tieghu, stante illi hu unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, stante illi l-imsemmi incident sehh bhala rizultat tat-traskuragini, imperizja, negligenza da parte tieghu stante illi naqs milli jzomm l-imsemmi kelb taht il-kontroll tieghu;

2. Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal LM10, tal-ittra ufficcjali ppresentata fis-7 t'Ottubru, 1999, u taz-zewg ittri legali tal-20 ta' Settembru, 1999 u tal-14 t'Ottubru, 1999, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-13 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-allegazzjonijiet huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi l-kelb li gie mtajjar minn Keith Vella mhuwiex tal-konvenut;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-incident gara tort ta' Keith Vella minhabba traskuragni, imperizja u negligenza da parte tal-istess Keith Vella;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tat-8.30 – 9.00 p.m. tat-30 ta' Lulju ta' l-1999 fil-Main Road ta' l-Imgarr meta l-attur Paul Vella kien qed isuq il-vettura tal-marka Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni EBC – 491 meta f'daqqa wahda zewg t'iklieb hargu jigru wara xulxin minn triq sekondarja u sehh impatt ta' l-imsemmija vettura ma kelb minnhom;

2. Illi fuq indikazzjoni ta' xi persuna li kienet fuq il-bejt l-attur gie indirizzat lejn il-konvenut bhala sid ta' kelb minnhom u sar rapport lill-pulizija;

3. Illi l-vettura fuq imsemmija soffriet hsarat konsiderevoli li jidher li ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta' assigurattrici England Insurance Agency Limited stante li l-attur Paul Vella kien assigurat "comprehensive" maghha wara li effettwat "survey" rigoruz;

Ikkonsidrat:

Illi x-xhieda ta' l-atturi ma jidentifikawx il-kelb involut fl-incident fil-livell probatorju rikjest mill-ligi;

Illi in oltre l-ebda dokument ma jirrizulta li gie pprezentat fl-atti biex jindika li s-socjeta' attrici kienet involuta fil-fatti meritu ta' din il-procedura;

Illi di piu' mix-xhieda tal-konvenut hemm indizji sufficjenti li jindikaw li l-kelb proprejta' tal-konvenut ma kienx il-kelb li effettivament kien fizikament u direttament involut fl-impatt in dizamina;

Ghaldaqstant filwaqt li din il-qorti takkollji l-eccezzjonijiet tal-konvenut tichad it-talbiet kollha tal-attrici bl-ispejjez."

Is-socjeta` attrici assiguratrici kif ukoll l-assigurat taghha appellaw minn din id-decizjoni bl-aggravju illi l-ewwel Qorti

ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti rizultanti mill-provi prodotti. Din l-obbjezzjoni taghhom hi, skond l-istess appellanti, sorretta preponderantement fuq id-deposizzjoni tax-xhud P.S. 1133 Joseph Borg.

Dan ix-xhud (fol 18) jistqarr li hu kien irceva rapport minghand Keith Vella, iben l-attur assigurat, illi fil-jum tal-incident kien laqat kelb u bid-daqqa garrab hsara fuq il-vettura. Zied jghid li s-sewwieq kien informah ukoll, u hekk fil-fatt nizzel fl-okkorrenza (fol 21), illi sid il-kelb kien il-konvenut. Jghid ukoll li dan ikkonfermah minn diskursata diretta mal-konvenut li dejjem, skond ix-xhud, ammetta mieghu li l-kelb kien tieghu.

Konfrontat b'din il-verzjoni kif ukoll dik ta' l-imsemmi Keith Vella (fol 15), il-konvenut (fol 40) ma illimitax ruhu biss ghal semplici zmentita izda addirittura ghamel akkuza serja hafna fil-konfront tax-xhud PS 1133 Joseph Borg.

Jinghad mill-ewwel a skans ta' ekwivoci illi din il-Qorti tabborrixxi certi dikjarazzjonijiet, anke jekk, skond l-esperjenza komuni, dawn ikunu ntqalu minghajr percezzjoni serja tal-gravita` taghhom, u f'sitwazzjoni ta' skatt subitaneu. Jibqa` l-fatt illi ma ghandhomx jigu tollerati, anke jekk indotti mill-interess jew il-passjoni tal-mument.

Dan maghdud, huwa evidenti li l-atturi appellanti qed jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq id-dispost tal-Artikolu 1040 tal-Kodici Civili li jenuncja r-responsabilita` tas-sid ta' annimal.

"*Is-sid ta' annimal, jew il-persuna li taghmel uzu minn annimal ghaz-zmien li taghmel uzu minnu, iwiegbu ghall-hsara li dak l-annimal jikkaguna, sew jekk ikun jinsab taht idejhom kemm jekk ikun intilef jew harab*."

Intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "**John Rogerson noe –vs- Joseph Dowling**", Appell Civili, 11 ta' Gunju 1906 (Vol XIX pI p145), "*che la disposizione sopra citata mette a carico del proprietario la responsabilita` del danno cagionato dall'animale, talche` egli non ne viene*

*esonerato allegando la mancanza di colpa da parte sua, ma vuolsi dimostrare il fortuito o la forza maggiore, o il fatto colposo di un terzo, ovvero di chi ha sofferto il danno, come causa diretta di questo*."

Fuq l-istess binarju ta' hsieb is-sentenzi fl-ismijiet "**Adone Azzopardi –vs- Col. Geroge Vaudray**", Appell Civili, 28 ta' April 1926 u "**Avukat Dr. Anthony Farrugia nomine –vs- Carmel Calleja**", Appell Civili, 28 ta' Frar 1969.

Ghalkemm min jagixxi ghad-danni ma ghandux ghalfejn, skond il-precitat insenjament, jipprova l-htija tal-proprjetarju gjaladarba din hi hekk mil-ligi prezunta, b'danakollu irid necessarjament jipprova illi kien proprju l-annimal tal-konvenut li kkaguna d-dannu li tieghu qed jitlob ir-rizarciment. ("**Paola Mallia –vs- Annetto Xuereb Montebello**", Appell Civili, 10 ta' Jannar 1964). Prova din li, skond is-sentenza appena citata, "*tista' tirrizulta anke minn presunzjonijiet meta dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti*" (sottolinejar tal-Qorti).

L-ezami akkurat tal-fatti u tac-cirkostanzi stabbiliti f'din l-istanza, issa appellata, skond il-logika taghhom u d-dettami tar-raguni, ma jwasslux, fil-fehma ta' din il-Qorti, biex jistabilixxu l-presunzjonijiet fuq accennati. Kif lanqas ma jikkonducu ghal dik ic-certezza morali li hi rikjesta biex jigi pronunzjat li kien il-kelb tal-konvenut li kkaguna l-hsara lamentata mill-atturi.

Il-Qorti ma tistax tinjora l-verzjoni tal-konvenut, hekk sostenuta minn numru ta' xhieda, fosthom martu Angela Sammut (fol 49), bintu Charmaine Camilleri (fol 42) u x-xhud indipendenti Nancy Abela (fol 47), biex minflok taccetta b'ghajnejha maghluqa l-verzjoni tas-sewwieq jew ta' PC 1133 Joseph Borg.

Anzi f'kaz ta' konflittwalita` l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taccerta ruhha jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet possibbli ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq l-bilanc tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi.

Fir-rigward il-Qorti taghmel din l-osservazzjoni. Jirrizulta li PS 1133 offra x-xhieda tieghu sentejn fuq l-incident u jidher li kien qieghed jistrieh ghal kollox fuq il-memorja. Wiehed ragjonevolment ghandu jifhem illi kieku tassew il-konvenut ikkonfessalu li l-vettura laqtet il-kelb tieghu, din l-ammissjoni, hekk vitali, kienet issib postha fir-rapport tieghu. Mill-mod kif xehed, il-Qorti tinnota illi ma kienx ghal kollox preciz dwar elementi ohra, wkoll importanti tal-provi, rigwardanti s-sewqan eccessiv tad-driver tal-car u l-brake-marks. Dawn certament kien kollhom piz determinanti in materja ta' responsabilita` ghar-rigward tal-fatt kolpuz, o meno, tas-sewwieq, kif hekk mid-decizjonijiet ezaminati jinsab ritenut u stabbilit.

Ghalhekk mill-kumpless tal-provi u mill-ezami akkurat taghhom, din il-Qorti hi bhall-ewwel Qorti, sodisfatta illi l-atturi ma rnexxielhomx jipprovaw b'mod preciz u talment gravi u konkordanti illi kien tabilhaqq il-kelb tal-konvenut li kkawza d-danni.

Ghal dawn il-motivi tirrespingi l-appell interpost mill-atturi u b'hekk tikkonferma s-sentenza denuncjata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------